



Napplawdu l-kura?? u s-solidarjetà tas-so? jetà ?ivili tal-Ewropa

Napplawdu l-kuraġġ u s-solidarjetà tas-soċjetà ċivili tal-Ewropa

Għeżież qarreja,

Fil-15 ta' Frar kellna ċ-ċerimonja ta' premjazzjoni għar-rebbieħa tal-Premju għas-Solidarjetà Ċivili tagħna, li tnediet f'Lulju 2020 hekk kif l-Ewropa kienet qed tilgħaq il-feriti mill-ewwel mewġa tal-pandemija tal-COVID-19. Dan kien ffit wara tmiem l-ewwel lockdown, li ħalliena magħluqin f'darna, insegwu r-rapporti fuq il-mezzi tax-xandir juru xeni ta' qsim il-qalb mill-isptarijiet tal-Ewropa u nċapċpu għall-ħaddiema mediċi kull filgħaxija.

Iżda rapporti dwar atti ta' solidarjetà malajr bdew jaslulna minn kull parti tal-UE, li taw xhieda li ħafna nies kienu qed imeddu idejhom biex jgħinu - minn dawk l-iżjed vulnerabbli fostna, sa dawk l-iżjed milquta mill-kriżi, jew fi kwalunkwe mod meħtieġ.

Pereżempju, kienu qed jimmanifatturaw u jiddistribwixxu maskri u lbies mediku, jitransformaw lukandi fi sptarijiet ta' emerġenza, ifornu ikel lill-anzjani jew lil persuni vulnerabbli, jipprovdu appoġġ diġitali għat-tagħlim skolastiku mid-dar jew sempliċiment imexxu proġetti tal-arti jew ta' divertiment sabiex il-ħajja fil-pandemija tkun iżjed sopportabbli.

Is-soċjetà ċivili, permezz tal-organizzazzjonijiet u n-nies tagħha, kienet fuq quddiem nett f'dawn l-azzjonijiet. Mingħajr l-għajnuna tagħhom fil-prattika u fuq il-post, il-prezz li kien ikollna nħallsu għal din il-pandemija kienet tkun bil-wisq akbar.

Sabiex nirrikonoxxu dan l-impenn entużjażmanti u l-ħidma fil-livell l-eqreb taċ-ċittadini, fl-2020 ddeċidejna li temporanjament nissospendu l-Premju tas-Soċjetà Ċivili tagħna, li tajna kull sena mill-2006 'l hawn lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u individwi li l-proġetti eċċezzjonali tagħhom jiċċelebraw l-identità Ewropea tagħna u l-valuri komuni tagħna f'qasam ta' ħidma partikolari.

Ħa postu Premju tas-Solidarjetà Ċivili uniku, ta' darba, bit-tema "Is-Soċjetà Ċivili kontra l-COVID-19", iddedikat speċifikament għall-ġlieda kontra l-coronavirus u l-konsegwenzi terribbli tagħha.

Minflok is-soltu ħames rebbieħa, ridna nagħtu l-premju lil ammont ta' proġetti, massimu ta' 29, li twettqu minn individwi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u kumpaniji. Il-proġetti kellhom ikunu strettament mingħajr skop ta' qligħ u ffinanzjati pubblikament sa mhux aktar minn 50%. Konna qed infittxu rebbieħ wieħed minn kull Stat Membru u mir-Renju Unit, bħala ġest biex nuru li nixtiequ nżommu rabtiet mill-qrib mas-soċjetà ċivili tar-Renju Unit minkejja l-fatt li l-pajjiż qed joħroġ mill-UE, u ma' dawn rebbieħ wieħed b'fokus transfronter jew pan-Ewropew.

Il-kompetizzjoni ntemmet fit-30 ta' Settembru, u sa dakinhar konna rċevejna sa 250 applikazzjoni minn madwar l-UE. Il-kandidati kollha tagħna kienu dimostrazzjoni tal-impenn ġeneruż taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fil-prattika. Il-proġetti kollha kellhom is-solidarjetà bħala l-forza mexxejja tagħhom, iżda aħna ġbarnihom taħt ħames temi ewlenin: il-provvista tal-ikel u l-għajjnuna lil gruppi vulnerabbli, it-tagħmir mediku, servizzi ta' konsultazzjoni, servizzi edukattivi u informazzjoni dwar il-pandemija u offerti kulturali.

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa, għażilna 23 rebbieħ li jolqtu l-ħames temi, li aħna naħsbu jirrappreżentaw l-aħjar li s-soċjetà ċivili qed tagħmel madwar l-Ewropa biex tgħin lill-komunitajiet jgħaddu mill-pandemija. Qed nippremjaw kull wieħed u waħda minnhom EUR 10,000 u nittamaw li dan l-inċentiv finanzjarju se jgħin视角 ikomplu b'xogħolhom u li l-premju jżid il-viżibilità tal-proġetti tagħhom.

Nittamaw ukoll li nqajmu kuxjenza dwar l-importanza mhux biss ta' dawn il-proġetti iżda wkoll ta' għadd kbir ta' inizjattivi taċ-ċittadini oħrajn sinifikanti u kreattivi li qed jitwettqu fl-UE. Kollha kemm huma qed juru li s-solidarjetà hija l-muftieħ biex tingħeleb kwalunkwe kriżi. Permezz ta' xogħolhom, qed jibnu ġejjieni aħjar għall-Ewropa, li nisperaw toħroġ minn din il-kriżi aktar b'saħħitha u aktar magħquda.

Għaldaqstant, fiċ-ċerimonja ta' premjazzjoni li seħħet kompletament mill-bogħod fil-15 ta' Frar, l-applawż tagħna ma kienx biss għat-23 rebbieħ. Fraħna lis-soċjetà ċivili kollha tal-Ewropea u lil dawk il-ħafna organizzazzjonijiet, kumpaniji u individwi fi ħdanha li wrew u jibqgħu juru solidarjetà, kuraġġ u responsabbiltà ċivika bla preċedent f'dawn iż-żminijiet diffiċli u ta' sfida.

Cillian Lohan

Viċi President għall-Komunikazzjoni

DATI TAD-DJARJU

1-5 ta' Marzu 2021, Brussell
Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2021

18-19 ta' Marzu 2021, Brussell
L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2021

24-25 ta' Marzu 2021, Brussell
Sessjonijiet plenarji tal-KESE

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



Mistoqsija lil...

Fit-taqsimat tagħna “Mistoqsija lil...”, aħna nistaqsu lill-membri tal-KESE biex iwiegħbu mistoqsija topika li tidhrilna li hija partikolarment rilevanti.

Staqsijna lil **Peter Schmidt**, President tas-Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (NAT) biex jaqsam fehmietu mal-qarrejja tal-KESE Info dwar il-kultura tal-ikel u l-konsum tal-ikel matul il-pandemija.

L-impatt tal-COVID-19 fuq il-katina tal-provvista tal-ikel

KESE Info: Ir-ristoranti u l-barrijiet ingħalqu matul il-pandemija. Din is-sitwazzjoni kif taffettwa lill-produtturi tal-ikel, il-fornituri, is-sidien tar-ristoranti, il-kultura tal-ikel u l-konsum tal-ikel? X'inhu l-aħjar mod biex in-nies jergħu lura għax-xogħol?

Peter Schmidt, President tas-Sezzjoni NAT: Il-produtturi tal-ikel, l-industrija tal-ipproċessar tal-ikel u l-bejjieġha tal-ikel bl-imnut jinsabu taħt pressjoni anke fi żminijiet normali. Kulħadd jistenna provvista tal-ikel adegwata tal-ogħla kwalità f'kull ħin.

L-aħbar it-tajba fost l-aħbarijiet ħżiena kollha li għabet magħha l-pandemija hija li l-provvista tal-ikel tal-Ewropa taħdem tajjeb, anke fi żminijiet ta' kriżi! Wieħed jista' jargumenta li l-katina tal-provvista tal-ikel hija dik li ħadmet l-aħjar matul il-kriżi attwali. Fl-ebda mument ma kien hemm xkafef tal-ikel vojta fis-swieq Ewropej.

Madankollu, il-pandemija ħarġet fid-dieher xi punti dgħajfa li qabel kienu jiġu injorati. Nixtieq nenasizza fil-qosor tlieta minnhom.

Problema li malajr ħarġet fid-dieher tikkonċerna l-impjeg tal-ħaddiema tal-ħsad fil-biedja, u problema oħra kienet l-istruttura tal-industrija tal-laħam.

Fiż-żewġ każijiet, il-produzzjoni kienet ibbażata fuq forza tax-xogħol irħisa, l-aktar mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u migranti (jew nazzjonali ta' pajjiżi terzi), b'abbuż tal-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Ewropa u pressjoni enormi fuq il-prezzijiet ta' prodotti agrikoli u tal-ikel.

Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-lockdowns ħarbtu dawn il-ktajjen tal-provvista. Fl-istess ħin, ġew esposti l-kundizzjonijiet ħżiena li fihom dawn in-nies jgħixu u jaħdmu. Dawk il-kundizzjonijiet wasslu wkoll għal ktajjen tal-infezzjoni u tifqigħat tal-marda. Fil-każ tal-industrija tal-laħam, dan wassal lill-Gvern Ġermaniż biex jadotta regolamenti biex jiproteġi lill-ħaddiema.

It-tielet qasam tal-katina tal-provvista tal-ikel li qed jiffaċċja problemi kbar huwa s-settur tal-lukandi u tar-ristoranti u l-industrija tat-turiżmu kollha kemm hi globalment.

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-intrapriżi fil-qasam tal-ospitalità huma magħluqin minħabba projbizzjonijiet, curfews, restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u waqfien fis-settur. Eluf ta' kumpaniji qed isibuha diffiċli ħafna biex jibqgħu fuq saqajhom jew jistgħu jgħibu.

Miljuni ta' ħaddiema qiegħdin fuq programmi ta' assenza bil-permess jew ta' żamma tal-persunal jew tilfu xogħolhom. Ħafna kumpaniji tal-lukandi bdew jirristrutturaw u jagħtu s-sensja lill-ħaddiema. Il-futur tas-settur huwa inċert u l-irkupru x'aktarx idum u jkun diffiċli.

L-azzjonijiet li ġejjin għandhom jittieħdu kemm jista' jkun malajr:

- għandha ti?i ?gurata adozzjoni u implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Rkupru tal-UE: l-intrapri?i u l-?addiema ma jistg?ux jistennew aktar;
- l-oqsma tal-ospitalità u tat-turi?mu g?andhom jittie?du fil-qalba tal-pjani nazzjonali g?all-irkupru u r-re?iljenza, bl-involvement tal-imsie?ba so?jali bil-g?an li ji?u salvati kemm jista' jkun impjegji, u li s-settur ji?i apo??jat ekonomikament u rridu nistinkaw g?al irkupru rapidu, i?da sikur u koordinat u fa?ilità tal-ivvja??ar;
- nestendu l-mi?uri ta' emer?enza kollha b?all-iskemi ta' xog?ol b'?inijiet iqsar tal-anqas sa Settembru 2021, biex b'hekk ji?u ?ġurati allowances ?usti g?all-?addiema kollha, inklu?i l-?addiema sta?jonali u temporanji;
- in?idu l-pagamenti tal-allowances g?al ?inijiet iqsar g?al 100%;
- l-implimentazzjoni u l-infurzar adatti tal-le?i?lazzjoni applikabbli tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-?addiema transfruntiera u sta?jonali, b'mod partikolari d-dritt g?al paga ugwali g?al xog?ol ugwali fl-istess post, inklu? permezz ta' spezzjonijiet tax-xog?ol, miftiehma u kon?unti, fil-livell nazzjonali u dak transfruntier;
- jinstab mudell sostenibbli ?did g?at-turi?mu permezz tal-Patt Ekolo?iku Ewropew u l-Istrate?ija "Mill-G?alqa sal-Platt".

Kull appoġġ finanzjarju b'hal għajnuna mill-Istat, self jew eżenzjonijiet mit-taxxa għandhom jingħataw biss lin-negozji li:

- jissalvagwardjaw l-impjegġ / jo?loqu impjegġi de?enti, jirrispettaw id-drittijiet tal-?addiema u l-ftehimiet kollettivi,
- mhumiex irre?istrati f'rifu?ji fiskali u dejjem ?allu s-sehem ?ust tag?hom ta' taxxi u kontribuzzjonijiet so?jali;
- jaqblu li jissospendu l-pagamenti tal-img?ax, ir-riakkwisti ta' ishma u l-opzjonijiet fuq l-ishma matul il-kri?i.

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistieden sorpri?a

Kull xahar aħna nippreżentaw mistieden sorpriża – personalità li tagħtina l-fehmiet tagħha dwar il-ġrajjet kurrenti u ġġbilna arja friska biex twessa' l-orizzonti tagħna, tispirana u tiġbdilna l-attenzjoni għad-dinja tal-lum. Għal din l-edizzjoni ta' Frar, għandna l-pjaċir nilqgħu żewġ personalitajiet minn sferi differenti – il-kultura u l-midja – li jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar

x'qed jiġri madwarna u joffrulna nifs ġdid. Dawn huma **élène Theunissen**, mara tat-teatru u taċ-ċinema Belġjan, u **Nicolas Gros-Verheyde**, osservatur u kummentatur b'għarfien fil-fond tal-politika Ewropea.

L-attriċi, direttur u adattatur, **Hélène Theunissen**, f'dawn l-aħħar tletin sena rreċtat madwar mitt rwol fil-biċċa l-kbira tat-teatri frankofoni fil-Belġju. Reċtat ukoll fi Franza. Hija dderiġiet u adattat madwar tnax-il spettaklu, l-aħħar wieħed kien "A Midsummer Night's Dream" ta' William Shakespeare fit-Théâtre des Martyrs, u "Les Murs murent" flimkien mal-istess awtriċi ta' dan ix-xogħol, Babetida Sadjo, fit-Théâtre Le Public fi Brussell. Hija dehret f'diversi films, bħal "Girl" ta' Lukas Dhont, u kellha rwol fis-sensiela "Unité 42", prodott minn RTBF fil-Belġju.

Ġurnalista Franċiż, korrispondent fin-NU/NATO, **Nicolas Gros-Verheyde** huwa magħruf fl-isfera Ewropea għall-għarfien kbir tiegħu ta' affarijiet Ewropej u l-politika barranija. Korrispondent għal-Sud-Ouest (li qabel kien Ouest France u France-Soir), fl-2008 waqqaf il-pjattaforma online B2-Bruxelles2, l-ewwel webnews frankofonu dwar l-affarijiet Ewropej, kwistjonijiet strateġiċi u ta' difiża tal-UE u l-ħidma tad-diplomazija Ewropea. Huwa wkoll l-awtur tal-manwal "La politique européenne de sécurité et de défense commune. Parce que l'Europe vaut bien une défense" (Il-politika Ewropea tas-sigurtà u tad-difiża komuni. Għax l-Ewropa teħtieġ difiża". (ehp)



[Hélène Theunissen: "L-artist li ma jistax jikkrea j? ossu vojtt u bla skop"](#)

L-artisti jagħmlu parti mill-ħsara kollaterali ta' din il-pandemija. It-teatri huma magħluqa, minkejja xi ftuħ temporanju qasir 'l hemm u 'l hawn. Ħafna atturi, diretturi, mużiċisti, żeffiena jew tekniċi fil-qasam tal-ispettaklu qed isibu ruħhom mingħajr xogħol f'dawn iċ-ċirkostanzi mhux mistennija. Il-konsegwenzi prinċipali huma l-biża' tal-futur u frustrazzjoni kbira. L-artist li ma jistax jikkrea jħossu vojtt u bla skop.

Għall-kuntrarju ta' dawk li jaħsbu li nistgħu nisfruttaw dan iż-żmien biex naqraw, niktbu, inkomplu bil-proġetti tagħna jew nibdew oħrajn ġodda, wieħed għandu jifhem li l-ispirazzjoni ma tiġix kif ġieb u laħaq. Fi klima ta' nuqqas ta' sigurtà u ansjetà, l-artist għandu inqas ispirazzjoni. Dan iż-żmien "obligatorju", li huwa impost fuqna, mhuwiex faċilment tradubbli f'xi ħaġa pożittiva, għaliex huwa żmien ta' sospensjoni u ma ġiex definit skont dak li xtaqna. L-artisti huma mkissra ħafna minħabba din is-sitwazzjoni. U aktar ma ddum, jkun diffiċli, aktar qed jittkissru. Din hija t-tielet darba, f'sena, li t-teatri ngħalqu u li l-ispettakli kellhom jitħassru.

Hemm ukoll il-konsegwenzi finanzjarji. Huwa minnu li arranġamenti għal xogħol b'ħinijiet iqsar jgħinu, iżda dawn huma miżuri amministrattivi twal ħafna u kkumplikati li jiġu implimentati. Il-flus idumu biex jaslu fil-kont tal-bank u x-xogħol b'ħinijiet iqsar ikopri biss parti mis-salarju. Ħafna artisti għalhekk qed isibu ruħhom f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja.

Rigward il-programazzjoni mill-ġdid tal-ispettakli, id-diretturi teatriali huma mgħobbija żżejjed u jridu jagħżlu li jipposponu l-ispettakli li ġew sagrifiki minħabba l-kriżi tas-saħħa fl-istaġuni li ġejjin. Proġetti ġodda se jkunu l-aħħar proġetti li jiġu kkunsidrati. Hemm konġestjoni vera u proprja fit-teatri, fl-opera, fiċ-ċinema u fil-postijiet tal-ispettaklu. Il-perspettivi huma inċerti u din is-sitwazzjoni hija stressanti.

Huwa pjuttost impossibbli li wieħed jibqa' organizzat f'din il-klima ta' inċertezza.

Meta tisma' fil-mezzi tax-xandir li aħna nagħmlu parti minn dawk li mhumiex essenzjali għas-soċjetà tħossok insultat ħafna iżda barra minn hekk, għal dawk li jaħdmu fid-dinja tal-kultura hija stqarrija li għagħlhom jaħsbu. Investejt ħajti kollha f'xogħli: li tisma' li dan ix-xogħol kollu huwa meqjus mill-Istat bħala "mhux essenzjali" iweġġa' u jiskoraġixxi. L-artisti għalhekk jinsabu f'qagħda finanzjarja u emozzjonali ħażina ħafna.

Nerġgħu nsiru essenzjali

Hemm affarijiet pożittivi wkoll. Ħafna solidarjetà bejn l-artisti. Imbagħad, xi artisti użaw teknoloġiji ġodda permezz ta' forom ġodda ta' espressjoni. Kellhom jiġu vvintati modi ġodda kif wieħed jeżisti. Iżda qatt m'huma se jissostitwixxu l-preżenza reali ta' artist fuq il-palk. Li hemm brillanti fi spetaklu ħaj fuq il-palk huwa l-komunjoni unika u eċċezzjonali mal-pubbliku wiċċ imb wiċċ. Il-preżenza fiżika tal-artist u tal-pubbliku hija indispensabbli sabiex jinħoloq dak il-mument ta' grazzja artistika.

Il-poplu qed jibda jħoss in-nuqqas tal-kultura, u dan huwa punt pożittiv. Meta l-postijiet kulturali jkunu se jerġgħu jinfetħu, naħseb li l-pubbliku se jiġi mmobilizzat b'mod differenti mis-soltu, għaliex ikun irrealizza kemm hija vitali l-kultura. U li l-artisti huma essenzjali għal-libertà u l-iżvilupp kollettiv. Għalhekk, in-nies, nisperaw, se jkunu jridu jattendu spetakli iktar minn qabel.

B'din il-kriżi, fl-oqsma tagħna s-sitwazzjoni kkumplikat ruħha għall-etajiet kollha. L-aktar drammatika hija għaż-żgħażaġħ. Bħalissa, fil-Konservatorju, naħdem mal-istudenti tiegħi, atturi apprendisti, mingħajr ma nara wiċċhom. Jinsabu f'sofferenza kbira u frustrazzjoni. Għal dawk li għadhom kemm iggradwaw, xejn ma jista' jiġi offrut lilhom fil-preżent. M'għadx għandhom aċċess għal networks professjonali. Jeħtieġu ħafna appoġġ wara din il-kriżi.

Iżda l-ġenerazzjonijiet kollha ta' artisti ġew milquta minn din il-waqfa. Iktar ma jkollok esperjenza, iktar tixtieq tkun fuq il-palk. L-iktar anzjani qed jibzġu li qatt ma jerġgħu jirċievu proposti għal spetakli. Li dan il-perjodu jfisser it-tmiem tal-karriera tagħhom.

Niġġieldu skont l-enerġiji personali tagħna. Hemm dawk li tkissru għal kollox u m'għadx għandhom ispirazzjoni. Hemm oħrajn li rdupjaw l-enerġija u qed jippruvaw jagħmlu l-affarijiet akkost ta' kollox. Permezz tal-midja soċjali u t-teknoloġiji l-ġodda, pereżempju. Umbagħad hemm dawk, bħali, li ġurnata jkollhom l-enerġija u l-għada xejn affattu.

Hélène Theunissen



[Nicolas Gros-Verheyde: Ir-riskju li l-Ewropa ssir mhux demokratika min'abba l-pandemija tal-COVID-19](#)

Il-miżuri li ttieħdu minn bosta pajjiżi Ewropej għal raġunijiet ta' Saħħa jista' jkollhom vittma kollaterali: l-istat tad-dritt

Jekk it-tifqigħa tal-COVID-19 fi Frar-Marzu 2020 kienet sorpriża għal kulħadd u kienet tesiġi miżuri improvizzati u urġenti, illum dan ma għadux il-każ. Il-miżuri drastiċi biex

titrażżan din il-kriżi tas-saħħa jistgħu jkunu ġustifikati. Madankollu, jeħtieġ li dawn ikunu antiċipati b'mod aħjar, u fuq kollox, soġġetti għal kontroll demokratiku. S'issa dan mhuwiex il-każ.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-miżuri jittieħdu malajr mill-eżekuttiv, l-għada tal-kunsilli ta' sigurtà jew ta' kumitati konsultattivi oħra, li l-kompożizzjoni tagħhom tibqa' misteru, mingħajr ebda konsultazzjoni reali (fis-sens li tingħata informazzjoni minn qabel u jkun hemm ħin għal riflessjoni) ma' diversi partijiet (soċjali, ekonomiċi, politiċi) u mingħajr ebda deċiżjoni tal-parlament nazzjonali tagħhom.

Ċerti prinċipji fundamentali – stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) jew fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – qegħdin "jitwarrbu" b'mod ċar, għal żmien indeterminat. Il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni (Artikolu 11 tal-KEDB) qiegħda titnaqqar u tiġi limitata b'mod drastiku. Id-dritt għal-libertà ta' opinjoni – permezz ta' modi ta' espressjoni bħaċ-ċinema u t-teatru – huwa pprojbit. Il-libertà ta' moviment hija ristretta b'mod sinifikanti: curfew mis-6 pm (fi Franza), awtorizzazzjoni biex persuna toħroġ mill-pajjiż (il-Belġju), eċċ. Il-libertà li persuna tipprattika r-reliġjon tagħha (Artikolu 9 tal-KEDB), id-dritt għall-edukazzjoni u d-dritt li persuna teżerċita attività professjonali (l-Artikoli 14 u 15 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem) huma limitati b'mod sever, kif ukoll id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja (l-Artikolu 8 tal-KEDB).

Dawn id-deċiżjonijiet, ladarba jittieħdu jidhru fis-seħħ minnufih, mingħajr ma jitqajmu mistoqsijiet, u ħafna drabi b'mod arbitrarju. X'tikkostitwixxi *raġuni imperattiva* li tiġġustifika l-qsim tal-fruntiera u x'mhijiex? Jew x'inhi *raġuni essenzjali* u x'mhijiex? L-awtoritajiet tal-pulizija, jew anke sempliċi uffiċjali tal-linji tal-ajru, huma responsabbli għall-kontroll. Din hija kwistjoni sensittiva ħafna.

L-awtoritajiet Ewropej qajla jiġu kkonsultati. Pereżempju, Pariġi ma nnotifikatx lill-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' ċerti kontrolli fil-fruntieri, kif previst fil-kodiċi ta' Schengen. Bl-istess mod, il-miżuri Belġjani, li huma diskriminatorji b'mod eċċessiv fil-konfront tal-impjegaturi Ewropej, ma qajmu l-ebda reazzjoni b'saħħitha min-naħa tal-eżekuttiv Ewropew.

Il-parlamenti nazzjonali, eżatt bħall-Parlament Ewropew, jidhru mbeżża' taħt il-ħakma tal-kriżi. Kulħadd beżgħan li jekk jitlob biex jiġu rispettati r-regoli, jidher bħala persuna li taqla' l-inkwiet f'dik li hija l-ġlieda nazzjonali kontra l-pandemija. Madankollu, aħna ma ninsabux fi gwerra. Fuq kollox, fl-ebda mument il-gvernijiet ma rrikorrew għall-mezzi kostituzzjonali eżistenti dwar din id-dispożizzjoni li hija rregolata b'mod rigoruż.

Anke l-klawżola ta' deroga fi żminijiet ta' emerġenza tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-famuż Artikolu 15, ma ġietx invokata, ħlief fil-każ ta' xi pajjiżi. Id-demokrazija l-antiki tal-kontinent ma jazzardawx jagħmlu dan għal raġunijiet simboloidi. Dan huwa każ ta' "kwarantana" vera u proprja, kif itenni Frédéric SUDRE, professur emeritu tal-Università ta' Montpellier, wieħed mill-aqwa speċjalisti dwar il-KEDB.

Il-ksur tal-prinċipji tad-demokrazija, l-attakki fuq l-istat tad-dritt, ċertament għalissa qegħdin jiġu tollerati mill-popolazzjoni. Xorta waħda dawn qegħdin jikkawżaw ħsara, anke jekk hija inviżibbli. Dawn jistgħu jipproduċu mewġ ta' rabja, kemm imprevedibbli kif ukoll mhux ikkontrollati. Dawn jistgħu jwasslu għal bidla fl-elezzjonijiet li jmiss lejn l-aktar populiżmu estrem. Fuq kollox dawn jistgħu jsaħħu l-argumenti tal-avversarji tal-għaqda Ewropea, kemm fil-kontinent kif ukoll barra mill-kontinent. L-imġiba tar-Russja fil-konfront tal-Kap tad-diplomazija Ewropea Josep Borrell f'Moska, fil-5 ta' Frar li għadda, mhijiex kumbinazzjoni. Wasal iż-żmien biex inqumu fuq saqajna.

Nicolas Gros-Verheyde

Kap editur ta' B2 - <http://www.bruxelles2.eu/?lang=en>

A?BARIJET TAL-KESE



Wasal i?-?mien li nie?du azzjoni u nag?tu tifsira ? dida lill-kelma “komunità”

Fis-27 ta’ Jannar, il-Prim Ministru tal-Portugall, António Costa, ippreżenta l-prijoritajiet ta’ pajjiżu għall-presidenza tal-UE matul il-plenarja tal-KESE. Il-Portugall ressaq l-aġenda soċjali fil-quċċata tal-programm tal-presidenza tiegħu u talab lill-KESE

jipprovdi l-għarfien espert tiegħu dwar seba’ suġġetti ewlenin għall-futur tal-UE.

Bil-motto **“Wasal żmien l-azzjoni: irkupru ġust, ekoloġiku u diġitali”**, il-presidenza se tiffoka fuq tliet priyoritajiet ewlenin: il-promozzjoni tal-irkupru, bis-saħħa tal-effett ta’ lieva mit-tranżizzjoni klimatika u dik diġitali; l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; u t-tisħiħ tal-awtonomija tal-Ewropa filwaqt li tibqa’ miftuħa għad-dinja.

“Dawn il-prijoritajiet jimxu id f’id perfettament mal-prijoritajiet tal-Kumitat tagħna: qed nippromovu UE li tkun ekonomikament prospera, soċjalment inklużiva u ambjentalment sostenibbli”, qalet il-President tal-KESE, **Christa Schweng**.

“Il-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 tat xhieda tal-valur miżjud li tirrappreżenta l-Unjoni Ewropea tagħna. Il-bidu tal-proċess tat-tilqim, minn naħa, u l-approvazzjoni tal-QFP u tal-programm Next Generation EU, min-naħa l-oħra, fetħu l-bieb għat-tama u taw tifsira ġdida lill-kelma “komunità””, enfasizza **s-Sur Costa**.

L-avveniment ċentrali tal-Presidenza Portugiża se jkun is-**Summit Soċjali**, li huwa ppjanat li jsir f’Porto fis-7 ta’ Mejju.

Huwa enfasizza li: “L-għan ewlieni tiegħu huwa li jagħti impetu politiku b’saħħtu lill-Pjan ta’ Azzjoni li l-Kummissjoni se tippreżenta f’Marzu u li jimplementa l-Pilastru tal-UE dwar id-Drittijiet Soċjali, l-aqwa vaċċin kontra l-inugwaljanza soċjali, il-populiżmu u l-biża”.

Il-Prim Ministru qal ukoll li biex jinkiseb dan l-objettiv fundamentali, il-Presidenza Portugiża qed isserraħ fuq il-kontribut ewlieni u l-parteċipazzjoni attiva tal-KESE. Il-presidenza talbet lill-KESE jipprovdi l-għarfien espert tiegħu dwar [seba’ suġġetti ewlenin](#) għall-futur tal-UE. (mr)



Il-KESE jappo?ja lill-Kummissjoni Ewropea fil-? lieda g?all-irkupru tal-Ewropa mill-COVID-19

Il-presidenza tal-KESE, bl-enfasi tagħha fuq il-bini ta' UE ekonomikament, soċjalment u ambjentalment aktar b'saħħitha, tappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex l-Ewropa terġa' lura fuq saqajha wara l-kriżi tal-COVID-19. Dan huwa l-messaġġ li l-President tal-KESE Christa Schweng bagħtet lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva, Maroš Šefčovič, li kien qed jattendi s-sessjoni plenarja ta' Jannar tal-Kumitat.

Is-Sinjura Schweng offriet l-appoġġ sħiħ tal-KESE lill-Kummissjoni, u tenniet l-impenn li sar f'Lulju 2020 bl-adozzjoni tal-[kontribut tal-KESE għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021](#): "Il-Kumitat jixtieq jagħti kontribut qawwi għall-irkupru u r-reżiljenza futura tal-Ewropa biex tiġi żgurata Ewropa li tkun ekonomikament prospera, soċjalment inklużiva u ambjentalment sostenibbli", qalet is-Sinjura Schweng. "L-isfida quddiemna li hija responsabbiltà tagħna li niffaċċjaw hija li nindirizzaw b'mod effettiv it-tbatija ekonomika u soċjali kkawżata mill-COVID-19."

Min-naħa tiegħu, **is-Sur Šefčovič** qal li l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 tfassal biex jgħin lill-UE timxi 'l quddiem u tħalli warajha l-fraġilità kkawżata mill-kriżi u toħloq momentum ġdid permezz ta' soluzzjonijiet li jibqgħu validi fil-futur: "L-Unjoni tagħna wriet ammont kbir ta' solidarjetà u unità. Mhux biss nirkupraw iżda nimxu 'l quddiem, u wara l-isfidi kollha tal-2020, issa huwa ż-żmien li ningranaw l-irkupru tagħna mill-kriżi tal-COVID-19 u nfasslu l-ġejjieni li nixtiequ fl-Unjoni tagħna."

Huwa u jikkummneta dwar il-miżuri attwali kontra l-pandemija, huwa enfasizza li l-isforzi u l-ħidma tal-Kummissjoni lejn Unjoni tas-Saħħa tal-UE ppermettew lill-UE tiegħu approċċ koordinat lejn it-tilqim u tassigura l-portafoll l-iktar usa' ta' tilqim fid-dinja, li jammonta għal 2.3 biljun doċa. (mp)



Tolleranza ?ero g?all-fastidju permezz tal-Kodi?i ta' Kondotta l-?did tal-KESE

Aktar ċarezza, aktar trasparenza finanzjarja, regoli stretti dwar il-fastidju u sanzjonijiet aktar b'saħħithom għan-nuqqas ta' konformità. Fit-28 ta' Jannar 2021, il-membri tal-KESE vvutaw gal bidliet kbar għall-Kodiċi ta' Kondotta tagħhom. Dan huwa l-ewwel pass importanti fir-riforma tal-Kumitat li qiegħda twettaq it-tmexxija l-ġdida tal-KESE.

Ir-regoli l-ġodda jinkludu għadd ta' titjib biex jiġi evitat b'mod effettiv il-fastidju u biex każijiet ta' mġiba ħażina jiġu ttrattati b'mod effiċjenti. Għalkemm l-ewwel prijorità hija l-prevenzjoni, issa se jkun possibbli li jiġu imposti firxa ta' sanzjonijiet fuq membru ta' Kumitat f'każ konfermat ta' għemil ħażin.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, wegħdet li ssaħħaħ il-Kodiċi ta' Kondotta f'Ottubru li għadda, fil-bidu tal-Presidenza tagħha. "Wettaqna din il-wegħda. Il-ħidma kbira tal-kummissjoni tar-Regoli ta' Proċedura

kisbet appoġġ wiesa' għal din il-proposta. Dan juri l-impenn tagħna għal standards etiċi għolja u metodi ta' ħidma moderni u trasparenti", qalet is-**Sinjura Schweng**.

F'każ ta' allegazzjoni ta' imġiba ħażina, il-kwistjoni se tiġi investigata mill-Kumitat tal-Etika l-ġdid, li se jkollu setgħat investigattivi definiti b'mod ċar. Kemm il-membri tal-KESE kif ukoll il-persunal se jkunu jistgħu jressqu lmenti lill-Kumitat tal-Etika. F'każ li ssir investigazzjoni, kull informatur rikonoxxut se jiġi protett u l-Kumitat se jikkoopera mill-qrib mal-OLAF.

Skont l-eżitu tal-investigazzjoni u l-gravità tal-imġiba ħażina, il-membri jistgħu jiġu imposti fuqhom għadd ta' sanzjonijiet, fosthom:

- it-tneqija minn kariga, waqda jew aktar, okkupati mill-membri fil-Kumitat;
- it-tiswija ta' kwalunkwe sara;
- it-telf temporanju tad-dritt g'all-indennizz tas-sussistenza ta' kuljum li l-membri jirreċievu;
- is-sospensjoni mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet jew fil-missjonijiet, kollha jew uqod minnhom, tal-KESE;
- il-projbizzjoni ta' rappreżentanza tal-KESE fi kwalunkwe forum nazzjonali, interstituzzjonali jew internazzjonali;
- it-telf tad-drittijiet ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew klassifikata.

Fl-aktar każijiet gravi, se jkun possibbli wkoll li membru jitkeċċa mill-KESE.

Ir-regoli aġġornati jżidu aktar it-trasparenza finanzjarja, speċjalment fir-rigward tar-rimborż ta' missjonijiet jew attivitajiet tal-membri. Kull sena l-membri se jkunu obbligati jippreżentaw dikjarazzjoni finanzjarja li se tkun disponibbli fuq is-sit web tal-KESE. Id-dokument jikkjarafika wkoll il-każijiet ta' kunflitt ta' interess potenzjali.

It-tibdil iqis it-talbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).



L-Unjoni Ewropea se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

Għall-ewwel darba mill-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, Michel Barnier, il-Kap tat-Task Force tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet mar-

Renju Unit, esprima l-fehmiet tiegħu pubblikament dwar it-test matul dibattitu fis-sessjoni plenarja ta' Jannar tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Fid-diskors tiegħu, is-**Sur Barnier** enfasizza li ma kien hemm xejn pożittiv dwar il-Brexit: "Dan huwa divorzju, u ħadd ma għandu jkun kuntent wara divorzju. Iżda dan il-ftehim li lħaqna mar-Renju Unit juri li l-UE mhijiex ħabs, kif iriduna nemmnu xi demagogi fuq il-lemin u x-xellug; nistgħu noħorġu minnha, iżda

dawk li jixtiequ joħorġu jridu jiffaċċjaw il-konsegwenzi fil-forma ta' distorsjonijiet u turbulenzi".

L-għan tal-ftehim kien li jiġu regolarizzati l-aspetti ekonomiċi u dawk relatati mal-kummerċ tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit wara l-Brexit, bl-għarfien li dan ma kienx punt ta' tmiem: "Mhux talli se jkun meħtieġ li niżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-ftehim, iżda ċertament se jkollu jiġi ssupplimentat fil-futur għal ċerti temi li r-Renju Unit ma riedx jinkludi din id-darba, bħad-difiża jew il-politika barranija".

Is-Sur Barnier enfasizza wkoll li l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea ma ntemmitx: il-Kummissjoni se tissorvelja l-implimentazzjoni tal-ftehim u żżomm ħarsa mill-qrib fuq kwalunkwe proposta min-naħa tar-Renju Unit li tista' tirriżulta f'diverġenza regulatorja.

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** irringrazzjat lis-Sur Barnier għall-ħidma tiegħu matul in-negozjati dwar il-Brexit u għat-"trasparenza eżemplari tiegħu u għaż-żmien li ntuża biex iżżomm lis-soċjetà ċivili infurmata matul il-proċess tan-negozjati", billi is-Sur Barnier ta ħames diskorsi differenti fid-dibattiti plenarji tal-KESE.

Jack O'Connor, il-President tal-Grupp ta' Segwitu tal-KESE dwar il-Brexit, faħħar il-mod li bih is-Sur Barnier indirizza s-sitwazzjoni fl-Irlanda matul in-negozjati tal-Brexit u fakkar l-impenn tal-KESE u tal-Grupp ta' Segwitu tiegħu dwar il-Brexit biex jaqdu r-rwol tagħhom ħalli jottimizzaw il-potenzjal ta' dan il-ftehim, b'mod partikolari fir-rigward tas-soċjetà ċivili tar-Renju Unit. (dgf)



[Il-KESE jisma' dwar kif il-faqar fl-UE jista' jitnaqqas bin-nofs sal-2030](#)

L-ammont ta' nies li qed jgħixu fil-faqar jista' jitnaqqas b'50% fl-għaxar snin li ġejjin, qal ir-relatur speċjali tan-NU dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem waqt is-sessjoni plenarja ta'

Jannar tal-KESE, fejn tkellem ukoll dwar is-sejbiet tal-missjoni tiegħu fl-istituzzjonijiet tal-UE.

It-tnaqqis tal-faqar irid ikun wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-pjan ta' azzjoni li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, qal Oliver De Schutter, relatur speċjali tan-NU dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem.

Is-Sur De Schutter irrimarka li l-faqar fl-UE qed jolqot dejjem iktar lin-nisa u lill-familji b'ġenitur wieħed.

Huwa wissa wkoll li l-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni, filwaqt li jinkludi dimensjoni soċjali b'saħħitha, mhuwiex sostitut għal strateġija għat-tnaqqis tal-faqar: "It-tnaqqis tal-faqar mhuwiex oġġettiv fih innifsu tal-Patt Ekoloġiku," huwa enfasizza.

Huwa spjega li ġew identifikati **tliet ostakli strutturali għall-ġlieda kontra l-faqar fl-UE.**

- **Id-dumping fiskali** fil-pajji?i tal-UE, fejn f' dawn l-a??ar 20 sena, il-pi? tat-taxxa gradwalment ?ie trasferit mill-korporazzjonijiet u l-individwi l-aktar sinjuri g?all-?addiema, il-konsumaturi u l-familji bi d?ul baxx.
- **Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ispiża tal-forza tax-xogħol**, permezz ta' politiki li kellhom l-g?an li jtejbu l-kompetittività fil-prezzijiet billi jnaqqsu l-pagi u l-kontribuzzjonijiet so?jali m?allsa mill-impjegaturi.
- **Il-qafas makroekonomiku** fi ?dan l-unjoni ekonomika u monetarja, b' mod partikolari l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li kien je?tie? li ji?i rivedut mill-iktar fis, bl-e?enzjoni tal-investment so?jali fis-sa??a u l-edukazzjoni mill-mi?uri ta' dixxiplina fiskali.

Is-Sur De Schutter qal li għandhom jiġu inklużi tliet objettivi ambizzjużi fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali:

- Strate?ija g?at-tnaqqis tal-faqar sal-2030, bl-g?an ambizzju? ta' tnaqqis ta' 50% fl-g?add ta' persuni fir-riskju tal-faqar.
- Garanzija g?at-tfal li tkopri ?ames oqsma essenzjali: l-a??ess g?all-edukazzjoni, il-kura bikrija tat-tfal, in-nutrizzjoni, l-akkomodazzjoni u l-kura tas-sa??a. Dan g?andu jinvolve l-appo?? tal-familji billi jkunu pprovduti d?ul de?enti, xog?ol u a??ess g?all-benefi??ji.
- Strument ?did legalment vinkolanti dwar skemi ta' d?ul minimu, li ji?gura li tali skemi fl-UE jkunu adegwati u li l-Istati Membri jsegwu metodolo?ija komuni.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, qalet li, anke qabel il-COVID-19, waħda minn kull ħames persuni kienet fil-periklu tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE u li dan kien falliment tas-soċjetajiet Ewropej żviluppati tagħna. “Wieħed mill-aħjar modi biex ngħinu lin-nies joħorġu mill-faqar u biex nipprevjenu l-faqar huwa li nibnu reżiljenza soċjetali u individwali,” qalet is-Sinjura Schweng.

Hija mbagħad rrimarkat li barra l-finanzjament, kien ukoll il-ħtieġa li jittieħed approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jirrikonoxxi lin-nisa milquta mill-faqar mhux biss bħala detenturi ta' drittijiet iżda wkoll aġenti għal bidla. Hija qalet li l-impenn li ħadd ma jitħalla lura kien jinvolve l-abilitazzjoni jew l-abilitazzjoni mill-ġdid tan-nies biex ikollhom rwol pożittiv fis-soċjetà. (at/mp)



Patt ?did dwar il-Migrazzjoni: “Id-dettalji huma kollox”

Fis-27 ta' Jannar, il-KESE kellu dibattitu mal-Kummissarju Johansson matul is-sessjoni plenarja tiegħu, eżatt qabel ma [adotta l-Opinjoni tiegħu dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#). **Fl-Opinjoni, il-Kumitat esprima riżervi dwar jekk il-Patt hux se jgħin fl-iżvilupp ta' qafas**

Ewropew komuni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni li jkun kemm effettiv kif ukoll konformi mal-valuri tal-UE.

Ir-relatur għall-Opinjoni, **José Antonio Moreno Diaz**, qal, “Kellna ħafna tamiet għal dan il-patt iżda jkolli ngħid li ninsabu ftit iddiżappuntati. L-analiżi tal-Kummissjoni hija tajba, u naqblu dwar il-konklużjonijiet, iżda aħna frustrati bid-dettalji u xi jfissru fejn jidħlu l-proposti.”

Il-korelatur, **Cristian Pîrvulescu**, iddispjaciħ dwar in-nuqqas ta' progress fuq ċerti kwistjonijiet li huma indirizzati fil-patt. "Jiddispijaciħa ngħidu li ma kienx hemm ħafna progress, iżda ttieħdu ħafna passi lura minflok quddiem. Aħna ninkoraġixxu lill-Kummissjoni tieħu approċċ iktar qalbieni lejn uħud minn dawn il-kwistjonijiet."

L-oġġezzjoni ewlenija tal-KESE kienet li l-patt iffoka primarjament fuq ir-ritorni u l-ġestjoni tal-fruntieri, aspejjeż tal-indirizzar ta' kwistjonijiet jaħarqu oħrajn, bħal kanali ta' immigrazzjoni regolari, perkorsi sikuri għall-ażil u l-integrazzjoni tal-migranti. Barra minn hekk, uħud mis-soluzzjonijiet proposti jistgħu ma jkunux fattibbli fil-prattika.

Il-Kummissarju Ewropew, **Ylva Johansson**, qalet li "xejn ma taqbel" mal-kritika li l-Kummissjoni kienet nieqsa mill-ambizzjoni. "Ir-realtà tal-lum hija differenti ħafna mill-2015, meta kellna influż massiv ta' refuġjati u r-rilokazzjoni kienet kwistjoni kbira", hija qalet, u spjegat li l-maġġoranza l-kbira ta' wasliet ġodda irregolari llum ma kinux refuġjati. Għalhekk, deċiżjonijiet u ritorni rapidi kienu importanti ħafna, iżda anke l-bżonn li jiġi garantit proċess ġust għal dawk kollha qed ifittxu aħil.

"Dawk eliġibbli biex jibqgħu merħba bihom u rriduħom ikunu parti mis-soċjetà tagħna," qalet is-Sinjura Johansson.

Waqf id-dibattitu, il-KESE esprima t-tħassib kbir tiegħu dwar id-destin ta' migranti mal-fruntiera tal-UE mal-Bożnija-Ħerzegovina. (na)



[L-aħżess għall-aħstizzja ambjentali huwa kritiku biex jiħi implimentat il-Patt Ekoloġiku tal-UE](#)

Rapport reċenti tal-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi rivedut ir-Regolament ta' Aarhus tal-UE u biex jittejjeb l-aċċess għal rieżami amministrattivi u ġudizjarju fi kwistjonijiet ambjentali għal individwi u NGOs, iżda jenfasizza li r-regolament

aġġornat mħuwiex biżżejjed.

Minkejja li ilha mill-2005 parti għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Unjoni Ewropea għadha ma kkonformatx bis-sħiħ għad-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-aċċess għall-ġustizzja.

Ir-regolament emendat propost mill-Kummissjoni huwa pass 'il quddiem u għodda essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, qal il-KESE, li ġeneralment laqa' b'sodisfazzjon l-emendi proposti f'rapport adottat f'Jannar.

Madankollu, ir-relatur **Arnaud Schwartz**, innota diversi lakuni fir-regolament il-ġdid li jistgħu jintużaw mill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jevitaw li jieħdu responsabbiltà.

Pereżempju, il-KESE ma japprovax il-proposta tal-Kummissjoni li jiġu esklużi l-atti tal-UE li jinvolvu “miżuri nazzjonali ta’ implimentazzjoni”, peress li hemm possibbiltà reali li din l-esklużjoni tista’ tinvalida jew iddgħajjef is-siwi tar-regolament tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-KESE huwa mħasseb dwar ir-riforma tal-“mekkaniżmu ta’ rieżami intern”, li fir-Regolament ta’ Aarhus oriġinali ppermetta lill-NGOs ambjentali jisfidaw l-atti u l-omissjonijiet amministrattivi tal-UE. Jekk l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jitħallew iwettqu rieżami biss ladarba jkunu ġew adottati l-miżuri ta’ implimentazzjoni, dan jipprevjeni ħafna atti u omissjonijiet tal-UE, jekk mhux il-biċċa l-kbira minnhom, minn rieżami intern.

Il-KESE jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha.

“L-imsieħba soċjali huma atturi ewlenin fi kwistjonijiet ambjentali, u għandhom ikunu rikonoxxuti b’mod espliċitu fir-rigward l-aċċess għall-ġustizzja,” enfasizzat **Isabel Caño Aguilar**, korelatur tal-KESE. *“Biex ir-rieżami ġudizzjarju jkun aċċessibbli fil-prattika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma għandhomx iħabbtu wiċċhom ma’ piżijiet żejda, bħal spejjeż addizzjonali u miżuri burokratiċi,”* ikkonkludiet is-Sinjura Caño. (mr)



L-għanijiet klimatiċi tal-UE: approvati olistiku biss jista’ jitransforma sfidi f’opportunitajiet

Il-KESE jafferma mill-ġdid li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra b’mill-inqas 55% sal-2030 huwa l-għażla t-tajba. Madankollu, fl-Opinjoni tiegħu [It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa](#), il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi lejn il-miri intermedji sabiex jitħaffef il-proċess, jew inkella hemm ir-riskju li ma jintlaħaqx l-għan ta’ newtralità klimatika sal-2050.

Huwa minnu li l-COVID-19 ġabet magħha problemi ekonomiċi kbar ħafna. Madankollu, ir-ridirezzjoni tal-investiment lejn il-pjan ta’ rkupru fetħet il-bieb għal strateġija ġdida: “infiq fuq l-irkupru kkombinat ma’ azzjoni klimatika ambizzjuża”, enfasizza l-korelatur tal-KESE, **Jan Dirx**.

“Din l-Opinjoni tenfaizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-bijoekonomija u li jiġu sostituti l-fjuwils fossili, u, b’konsegwenza ta’ dan, huwa kritiku li nagħtu prijorità lill-aġġornament tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar it-tranżizzjoni lejn fjuwils rinnovabbli,” enfasizza r-relatur tal-KESE, **Arnold Puech d’Alissac**.

Huwa dejjem iżjed essenzjali li nużaw kull għodda possibbli biex ngħollu l-livell tal-ambizzjoni klimatika: il-Patt Ekoloġiku, il-Liġi dwar il-Klima, il-fond ta’ rkupru Next Generation EU, il-PAK, l-istrateġiji Mill-Għalqa sal-Platt u tal-Bijodiversità, il-politiki u l-ftehimiet kummerċjali, eċċ. Kollha kemm huma għandhom ikunu marbuta b’mod konsistenti, biex jassiguraw li t-tranżizzjoni ma tħalli lil ħadd jibqa’ lura.

Iċ-ċittadini huma “msieħba kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima”, u prerekwiżit biex il-politika dwar il-klima tirnexxi fl-UE.

Huwa għalhekk li l-KESE tenna l-proposta tiegħu li tinħoloq [Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew](#), ibbażata fuq il-prinċipji tal-inklużività, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni ġenwina u s-sjieda minn partijiet interessat fil-klima fil-livelli kollha. (mr)



[Il-Kummissjoni tal-KESE dwar il-Bidliet Industrijali tibda mandat ?did u tadotta l-programm ta' ?idma g?all-2021](#)

Fit-13 ta' Jannar, il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kellha l-laqqgħa inawgurati tal-mandat il-ġdid tagħha u adottat il-programm ta' ħidma tagħha għall-2021.

Il-president tas-CCMI, **Pietro Francesco De Lotto**, il-vice president **Monika Sitárová**, il-membri u d-delegati esterni, b'mandat minn Novembru 2020 sa Novembru 2025, adottaw unanimament il-Linji Gwida Politiċi u l-Programm ta' Ħidma tas-CCMI għall-2021.

Il-programm ta' ħidma huwa bbażat fuq tliet pilastri ewlenin:

- tranżizzjoni ekoloġika g?all-industrija Ewropea;
- sforz komprensiv g?ad-di?italizzazzjoni tas-setturi produttivi tal-Ewropa;
- It-tis?i? tal-kompetittività globali tal-industrija Ewropea, b'konformità mar-rie?ami tal-politika industrijali tal-Kummissjoni Ewropea g?all-2021.

Fil-kummenti introduttorji tiegħu, **is-Sur De Lotto** enfasizza r-rwol uniku tas-CCMI fi ħdan il-KESE bħala ġabra ta' għarfien espert industrijali speċjalizzat. Huwa rrifletta fuq il-kriżi attwali u qal:

“L-industrja Ewropea mhux biss trid toħroġ minn din il-kriżi; iżda trid toħloq il-kundizzjonijiet għal kompetittività globali aħjar ibbażata fuq l-enerġija u t-tranżizzjoni diġitali. Jeħtieġ li l-korpi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet rilevanti Ewropej jappoġġjawha f'dan il-kompitu”, qal is-sur De Lotto.

Is-CCMI hija l-eredi tal-Komitat Konsultattiv tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA), il-punt tat-tluq tal-Unjoni Ewropea kif nafuha illum il-ġurnata. Meta t-Trattat tal-KEFA skada fl-2002, intlaħaq ftehim li s-CCMI turet u tkompli l-ħidma tagħha fir-rigward tal-attivitajiet u r-relazzjonijiet industrijali. (ks)



Wasal i?-?mien g?al forma ta' governanza ekonomika aktar orjentata lejn il-prosperità

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Huwa jappoġġja bil-qawwa l-pakkett tan-NextGenerationEU u jappella biex il-ftehimiet meħtieġa jiġu

konklużi malajr kemm jista' jkun.

Madankollu, l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 se jirnexxi biss jekk ikun akkumpanjat minn ristrutturar tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna, u l-bini mill-ġdid tal-fiduċja huwa kruċjali sabiex tiġi stabbilizzata d-domanda. Dan jista' jinkiseb permezz ta':

- Tranżizzjoni g?al forma ta' governanza ekonomika aktar orjentata lejn il-prosperità u bba?ata fuq is-solidarjetà. Il-KESE jappella biex il-**proċess ta' rieżami** tal-governanza ekonomika mniedi mill-Kummissjoni jissokta mill-aktar fis possibbli.
- ?ieda fl-investiment privat u pubbliku, b'**regola tad-deheb'** g?all-investiment pubbliku, biex ji?u salvagwardjati l-produttività u l-ba?i so?jali u ambjentali g?all-?enerazzjonijiet futuri: "Dan ifisser li jitne??a l-investiment nett mill-kalkolu tal-indikaturi tad-defi?it", tispjega r-relatur, **Judith Vorbach**.
- L-implimentazzjoni tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**: l-inizjattivi g?al Ewropa aktar so?jali jinkludu Proposta g?al Direttiva dwar pagi minimi adegwati.
- **Riforma tal-politiki tat-tassazzjoni**, biex il-pi? tat-taxxa ji??aqlaq minn fuq ix-xog?ol g?al fuq ba?ijiet tat-taxxa li huma inqas detrimentali g?all-provvista ta' ?addiema, waqt li jitqies ukoll l-impatt distribuzzjonali relatat. Il-KESE jappella g?al progress sostanzjali fl-introduzzjoni ta' ri?orsi proprji ?odda, kif deskritt fil-pjan ta' rkupru. (na)



L-UE te?tie? strate?ija ?enwina g?all-integrazzjoni tas-sistema tal-ener?ija

Il-KESE appoġġja s-sejħa tal-Kummissjoni Ewropea għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Fil-futur, l-elettriku, it-tisħin u t-trasport għandhom ikunu kollha interkonnessi, bl-għan aħħari li tittejjeb l-effiċjenza u tinkiseb ekonomija newtrali għall-

klima

F'Opinjoni m?ħejja minn **Lutz Ribbe** u adottata waqt is-sessjoni plenarja ta' Jannar, il-KESE jindika li strateġija bħal din tista' tikkontribwxxi sabiex tiġi żgurata provvista tal-enerġija, jitnaqqsu l-importazzjonijiet tal-enerġija u l-prezzijiet affordabbli jsiru realtà għall-konsumaturi Ewropej.

Fil-fehma tal-Kumitat, madankollu, il-Kummissjoni Ewropea tonqos milli ssemmi kif l-UE tista' tikseb sigurtà tal-provvista bl-użu ta' sorsi tal-enerġija li huma baxxi fil-karbonju jew li huma ħielsa mill-karbonju.

“It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Ewropa tista’ tkun ta’ suċċess biss jekk jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha,” qal is-**Sur Ribbe**, meta tkellem mill-marġni tas-sessjoni plenarja.

“Il-Kummissjoni tiddikjara li 84 % tad-domanda għall-elettriku ser ikollha tiġi minn sorsi rinnovabbli, iżda tonqos milli tagħti dettalji dwar is-sorsi li minnhom għandu jiġi prodott il-bqija tal-elettriku. Bla dubju dan huwa inaċċettabbli. Is-sigurtà tal-provvista hija fundamentalment importanti għall-ekonomija u l-konsumaturi Ewropej, speċjalment hekk kif l-eletrifikazzjoni tal-provvista tat-tiżen u s-settur tat-trasport huma mistennija li jżidu d-domanda għall-elettriku, minkejja l-progress fl-effiċjenza.”

Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li n-nuqqas jew l-inadegwatezza tal-ipprezzar tal-emissjonijiet tas-CO₂ fis-setturi tat-tiżen u tat-trasport huma problema serja għall-integrazzjoni tas-sistema.

Apparti dan, is-sorsi rinnovabbli mhux dejjem jintagħżlu flok il-karburanti fossili. F’hafta Stati Membri, tassazzjoni qawwija fuq l-elettriku u imposti eċċessivi fuq in-network joħolqu distorsjonijiet fis-suq. F’dawn il-każijiet, l-użu ta’ elettriku żejjed sabiex tiġi prodotta s-sħana – l-aktar forma sempliċi ta’ integrazzjoni tas-sistema – mhijiex ekonomikament vijabbli.

Il-Kumitat għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti konkreti għal soluzzjonijiet, minflok sempliċement tiddekrivi l-problema bi kliem xi ftit jew wisq inċert jew vag. (mp)



L-idroġenu jista’ jkun fattur ewlieni f’ mudell ġdid ta’ soġjetà wara l-COVID-19

L-Unjoni Ewropea trid tegħleb il-kriżi tal-COVID-19 billi tibni mudell ġdid tas-soġjetà bbażat fuq ekonomiji aktar ekoloġiċi, aktar ġusti u aktar reżiljenti. Bħala enerġija nadifa, l-idroġenu jista’ jkun fattur ewlieni tat-trasformazzjoni. Din hija l-idea ewlenija wara Opinjoni minn Pierre Jean Coulon adottata fis-sessjoni plenarja ta’ Jannar tal-KESE.

Fid-dokument, il-KESE jappoġġja l-Istrateġija tal-UE għall-Idroġenu mressqa mill-Kummissjoni Ewropea bħala pass ‘il quddiem fil-ħolqien ta’ ambjent favorevoli biex jiżdedu l-provvista u d-domanda għall-idroġenu u biex tinkiseb ekonomija newtrali f’termini ta’ emissjonijiet tal-karbonju.

“L-idroġenu nadif għandu jsir prijorità ċara, peress li din hija l-unika għażla kompatibbli man-newtralità klimatika,” qal is-**Sur Coulon** matul id-dibattitu fil-plenarja. “Il-fondi Ewropej għall-irkupru għandhom jippermettu lin-negozji, l-innovaturi, il-ħaddiema u l-investituri li jafferemaw ir-rwol tagħhom bħala mexxejja dinjija fis-swieq tal-enerġija nadifa li qed jespandu.”

B’mod partikolari, il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta’ Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif li għandha tingħata l-kompitu li tippjana l-investimenti fil-produzzjoni u torganizza d-domanda għal idroġenu nadif fl-UE.

Dan il-korp se jinkludi l-mexxejja tal-industrija, is-soċjetà ċivili, il-ministri nazzjonali u reġjonali u l-Bank Ewropew tal-Investment. Peress li l-KESE se jaqdi rwol ewlieni biex titħaffef it-trasformazzjoni tal-industriji Ewropej, huwa essenzjali li jkun involut fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata. (mp)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Il-ftehim tal-Brexit: In-negozju se jkollu b?onn perjodu ta' a??ustament

Stqarrija mill-President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, Stefano Mallia

L-impjegaturi tal-UE jilqgħu l-ftehim tal-Brexit u jawguraw mill-qalb lit-tim tan-negozjar tal-Kummissjoni Ewropea, li tmexxa b'ħila minn Michel Barnier. Madankollu, hekk kif in-negozji qed jippruvaw jifhmu t-trattat kummerċjali ta' 1 200 paġna, huma qed jitolbu perjodu ta' aġġustament biex jgħinjom fil-proċess diffiċli ta' tagħlim tagħhom.

L-impjegaturi Ewropej jilqgħu b'sodisfazzjoni il-fatt li ntlaħaq Brexit b'mod ordnat u li nżammet l-integrità tas-suq uniku. Madankollu, anke jekk ma jiġu imposti l-ebda tariffa jew kwoti restrittiva fuq il-prodotti kkummerċjalizzati, l-għadd ta' kontrolli doganali u regolatorji ġodda, inklużi regoli tal-orijini u rekwiżiti stretti tal-kontenut lokali, se joħloq burokrazija li possibbilment tnaqqas ir-ritmu tal-proċessi, u l-ktajjen tal-provvista se jieħdu ż-żmien biex jaġġustaw għar-realtà l-ġdida.

Din hija r-raġuni għaliex **il-kumpaniji jeħtieġu perjodu ta' aġġustament** biex ilaħħqu mat-tibdil. Hemm bżonn li tiġi implimentata sistema heavy-duty, bħal ngħidu aħna **SOLVIT għall-BREXIT**, sabiex tappoġġja lin-negozji kollha, speċjalment l-SMEs

Fl-istess ħin, jidher ċar li hemm bżonn ritorn mal-mejda tan-negozjati sabiex is-settur tas-servizzi jiġi inkluż fil-ftehim, sabiex jiġi żgurat il-fluss mingħajr xkiel tad-data bejn l-UE u r-Renju Unit u jiġi garantit ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki.

Jekk irridu li l-Ewropa u r-Renju Unit jibqgħu konnessi mill-qrib, hemm bżonn nissoktaw bil-ħidma dwar ir-relazzjoni tagħna. Ir-Renju Unit qatt ma jista' jkun sempliċi biss pajjiż terz ieħor. Il-ftehim għandu jkun pjattaforma solida għall-kooperazzjoni futura f'għadd ta' oqsma li għandhom impatt kbir fuq l-ambjent kompetittiv tagħna, li jvarjaw mit-tibdil fil-klima sat-trasformazzjoni diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-istandards. Iżda l-ftehim huwa biss l-aħħar stadju fil-proċess tal-bidu.

Is-soċjetà ċivili u l-impjegaturi b'mod partikolari iridu jikkumbattu biex iżommu miftuħin il-kanali tal-kummerċ u biex tinbena struttura soda li tippermetti li dan iseħħ. (dv/kr)

ċivili biex jiffaċċjaw il-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri restrittivi konsegwenti adottati fl-Ewropa, kif ukoll dibattiti topiċi ma' kelliema ta' livell għoli u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

L-istudju, ikkummissjonat mill-KESE fuq talba tal-Grupp Diversità Ewropa, jenfasizza l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jgħinu lill-komunitajiet lokali u gruppi vulnerabbli biex jittrattaw il-pandemija. Id-data kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-attivitajiet tagħhom huma ppreżentati permezz ta' studji tal-każi.

L-awturi applikaw metodu mħallat fejn ikkombinaw riċerka minn fuq l-iskrivaniya u s'tħarriġ fil-fond online. L-istudju jenfasizza suġġetti ewlenin għall-futur tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħan-nuqqas ta' flussi ta' finanzjament stabbli, oqfsa legali u riżorsi u settijiet ta' ħiliet adegwati, li ser jeħtieġu riflessjoni futura u deċiżjonijiet politiċi kuraġġu biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinżammu u jissaħħu fil-fażi ta' rkupru wara l-COVID-19. Waqt il-konferenza, l-awturi tal-istudju se jippreżentaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tagħhom.

Diskussjonijiet sussegwenti ma' kelliema ta' livell għoli u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili se jiffokaw fuq l-impatt tal-pandemija fuq grupp vulnerabbli ta' nies, kif l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għenu lil dawn il-gruppi vulnerabbli, inizjattivi meħuda mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jirriveđu kif jittrattaw il-kriżi u l-modi kif se jikkontribwixxu għar-rikostruzzjoni u għal komunitajiet sostenibbli wara l-COVID-19.

Aktar informazzjoni dwar l-avveniment disponibbli fuq: <https://europa.eu/!PG36rF> (jk)

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



[?ranet tas-So?jetà ?ivili 2021: Irkupru sostenibbli g ?all-?ejjieni ta?-?ittadini tal-Ewropa](#)

Kif għandu jkun irkupru sostenibbli mill-COVID-19 għall-Ewropa? Liema huma l-punti ta' saħħa ewlenin li l-UE għandha tuża biex tiżgura ġejjieni tajjeb għaċ-ċittadini tagħha? Dawn ser ikunu l-

mistoqsijiet fil-qalba tal-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2021 tal-KEE, li ser isir online mill-1 sal-5 ta' Marzu.

Matul il-pandemija, is-soċjetà ċivili organizzata qdriet rwol ewleni fl-indirizzar tal-għadd kbir ta' sfidi li gābet magħha l-COVID-19, inkluż l-appoġġ lill-awtoritajiet pubbliċi li kienu qed ibatu sew quddiem diffikultajiet wisq kbar għalihom.

Din l-esperjenza Prattika tista' toffri għarfien speċjalizzat prezzjuż għad-dibattitu dwar l-irkupru u anke tikkontribwixxi għall-**Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa**, hekk kif it-tmiem tal-istaġnar fir-rigward it-tmexxija jwitti t-triq biex tibda f'Mejju.

Il-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2021 tal-KESE se joffri sensiela ta' dibattiti interessanti ferm minn kelliema ta' ispirazzjoni u ffokati fuq dawn it-suġġetti li ġejjin:

- id-demokrazija f' diversi livelli sostenibbli fl-Ewropa
- l-ekonomija soċjali u l-intraprenditorija fost i?-'g?a?ag? g'al irkupru sostenibbli
- ir-rwol tal-edukazzjoni u l-kultura fl-irkupru sostenibbli g'all-Ewropa
- il-?ejjieni tax-xog?ol fl-ekonomija tal-benessri
- l-attivi?mu fost i?-'g?a?ag?, bidla sistemika u l-irkupru fl-Ewropa
- Patt Ekolo?iku soċjali g'al irkupru sostenibbli
- ir-rwol tal-gruppi ewlenin tas-so?jetà ?ivili fil-mew?a ta' rinnovazzjoni
- Ir-rwol u l-valur ekonomiku tal-voluntiera fit-triq lejn l-irkupru u lil hinn minnu.

Individwi u organizzazzjonijiet li jixtiequ jieħdu sehem fil-konferenza jistgħu jsiru jafu iżjed u jirreġistraw [hawnhekk](#). (dm)



[Il-KESE se jorganizza dibattitu fil-midja soċjali dwar ir-rwol tal-bidla sistemika fl-azzjoni dwar il-klima](#)

FI-20 ta' Marzu, il-KESE se jorganizza avveniment fil-midja soċjali li jlaqqa' esperti, attivisti u lobbyists żgħażaġħ mill-Ewropa biex jiddiskutu bidla sistemika fl-azzjoni dwar il-klima.

Fit-18 u d-19 ta' Marzu, l-avveniment tal-KESE [L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2021](#) se jlaqqa' aktar minn 100 student minn 33 pajjiż għal dibattitu online dwar it-tibdil fil-klima, ibbażat fuq il-Konferenza tal-Partijiet (COP) tan-Nazzjonijiet Uniti. Id-dibattitu se jinfetaħ mill-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea, **Frans Timmermans**, u se jingħalaq mill-Kopresident tal-Grupp tal-Ħodor tal-Parlament Ewropew, **Ska Keller**.

B'mod parallel, u b'mod simili ħafna għal COP, il-KESE se jorganizza **avveniment parallel pubbliku** għaż-żgħażaġħ nhar is-Sibt, 20 ta' Marzu 2021, filgħodu bit-titolu **Infasslu l-bidla sistemika**, li se jixxandar b'mod dirett fil-midja soċjali.

Bordijiet differenti se jiffokaw fuq l-ispjegazzjoni ta' xi tfisser bidla sistemika u kif għandha tiġi implimentata, u se joffru eżempji tanġibbli u personali ta' attivitajiet sostenibbli li għandhom il-potenzjal li jmexxu din il-bidla. Dan se jipprovi lill-udjenza żagħżuġha tagħna b'perspettivi ġodda siewja u, l-aktar importanti, bl-opportunità li jesprimu l-fehmiet u l-ideat tagħhom.

Apparti d-diskussjonijiet, l-udjenza se jkollha l-opportunità li **tiskopri l-bidla sistemika permezz tal-arti**. Avveniment kulturali online relatat mad-dibattiti online se jippermetti lill-udjenza żagħżuġha tesperjenza bidla sistemika u l-implikazzjonijiet tagħha f'kuntast usa'. Żur [Your Europe, Your Say | Facebook](#) biex issegwi l-avveniment.



Il-kultura f'xandira diretta fl-ewwel edizzjoni tal-KESE ta' Art Talk g?al din is-sena

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Jannar, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew organizza l-ewwel edizzjoni online ta' Art Talk għat-tnedija virtwali tal-wirja online "Hand in Hand" minn [Maria Reis](#)

Rocha.

Saret diskussjoni f'xandira diretta mal-Viċi President għall-Komunikazzjoni tal-KESE **Cillian Lohan**, mal-membri tal-KESE **Gonçalo Lobo Xavier** u mal-artista Portugiża tax-xogħlijiet artistiċi, li permezz tagħha l-ispettaturi setgħu jaqdbu "vjaġġ kulturali" u ġejna m'heggin il-koll nirriflettu dwar l-isfidi soċjali permezz ta' illustrazzjonijiet maħduma b'ħila impressjonanti.

Ma lħaqtx rajtha? Segwiha minn hawn: [EESC Cultural webinar - Meeting Maria Reis Rocha - YouTube](#)

Il-wirja virtwali "Hand in Hand" ittellgħet taħt l-awspiċji tal-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE u baqgħet għaddejja online sal-15 ta' Frar 2021.

Tista' żżur il-gallerija online u tiskopri aktar dwar ix-xogħlijiet tal-artista fuq: <https://europa.eu/!WX93Qu> (ck)

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributori g?al din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Chloé Lahousse (cl)
Chrysanthi Kokkini (ck)
Daniela Marangoni (dm)
David Gippini Fournier (dgf)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Magdalena Walczak Jarosz (mwj)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanias (mg)
Nicola Accardo (na)
Pablo Ribera Paya (prp)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbag?at link lill-editur.

02/2021